**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**

**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 3 ta' Gunju 2025**

Rikors Numru: 17/2025 AL

AB

u

CB

(M.R. Numru 867/1989)

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors konġunt tar-rikorrenti li  permezz tieghu esponew:

1. Illi l-Partijiet iżżewġu nhar it-Tnejn ta' Ġunju tas-sena Elf Disa' Mija Disgħa u Tmenin (02/06/1989) ġewwa l-Knisja Parrokkjali Madonna tal-Ġebla, l-Gżira, Malta (Kopja vera taċ-Ċertifikat taż-Żwieġ qed jiġi anness mmarkat bħala 'DOKA");

2. Illi minn dan iż-żwieġ twieldu b'kollox żewġt itfal u ċioe’ xx imwieled bt li twieled nhar it-Tmienja u Għoxrin ta' Frar tas-sena Elf Disa' Mija u Disgħin (28/02/1990) kif ukoll xx imwielda Sammut li twieldet nhar il-Ħamsa ta' Novembru tas-sena Elf Disa' Mija Tnejn u Disgħin (05/11/1992);

3. Illi llum il-ġurnata ulied il-Partijiet laħqu l-età maġġorenni u għaldaqstant m'hemm ebda manteniment dovut;

4. Illi l-Partijiet ilhom separati *de facto* sa mill-Wieħed u Għoxrin ta' Marzu tas-sena Elfejn u Ħmistax (21/03/2015) u t-tnejn li huma qegħdin jgħixu ħajja kompletament separata minn xulxi; għaldaqstant ma teżisti l-ebda possibilità ta' rikonċiljazzjoni *stante* illi huma għandhom ħajja kompletament separata minn xulxin;

5. Illi l-Partijiet ilhom separati *de jure* permezz ta' Kuntratt ta' Separazzjoni Personali datat Disgħa ta' Ottubru tas-sena Elfejn Erbgħa u Għoxrin (09/10/2024) lhiema Att Pubbliku ġie awtorizzat minn din l-Onorabbli Qorti, u li jinsab fl-Atti tan-Nutar Dr Annalisa Caruana (Kopja tal-Kuntratt ta' separazzjoni qed tiġi annessa u mmarkata bħala 'DOK.B');

6. Illi bil-ġurament il-Partijiet qegħdin jiddikjaraw li m'hemm ebda manteniment dovut lejn xulxin;

7. Illi l-Mara qed tiddikjara li hija tixtieq tibqa bil-kunjom li ngħatat fiż-żwieġ u ċioe’ Sammut,

8. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha meħtieġa għall-ksib ta' divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili (KAP.16) tal-Liġijiet ta' Malta;

9. Illi ma' dan ir-Rikors, qed jiġi anness l-Affidavit tal-Partijiet infushom (L-Affidavits qed jiġu annessi u mmarkati bħala 'DOK.C' u 'DOK.D');

Għaldaqstant, *u in vista tas-suespost*, l-Esponenti umilment qed jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ li ġie ċċelebrat nhar it-Tnejn ta' Ġunju tas-sena Elf Disa’ Mija Disgħa u Tmenin (02/06/1989) ġewwa l-Knisja Parrokkjali Madonna tal-Ġebla, l-Gżira, Malta;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-Partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

U dan taħt dawk il-provvedimenti kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li huma xierqa u opportuni.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavits bix-xiehda tal-partijiet;

Rat id-digriet tagħha tal-21 ta' Jannar, 2025;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvaw illi l-partijiet ilhom de facto separati mill-21 ta' Marzu 2015 u legalment separati mid-9 ta' Ottubru 2024.

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien għaxart ijiem minn meta din is-sentenza ssir *res* judicata javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.

Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku huwa sollecitat biex jieħu l-miżuri kollha sabiex Analise Micallef tirriverti  għal kunjom xbubitha, Cardona.